**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2019**

**Rikors nru: 251/2016 AGV**

**ABC**
**vs**
**DEC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1.Illi l-attrici intavolat proceduri odjerni u effettivament ghalkemm il-partijiet ghadhom entrambi jabitaw fid-dar konjugali, huma ilhom ighixu hajja separata minn xulxin sa mis-sena 2016.

2. Illi peress li huwa evidenti li m'ghad fadal l-ebda possibilita' li l-partijiet jirrikonciljaw, l-esponent bir-rispett titlob ai termini tal-artikolu 55 tal-

Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.

3. Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenut, anzi l-esponenti tikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f’atti civili minghajr il-kunsens ta’ xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista’ talvolta jaghmel, liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** deciz fit-28 ta’ Marzu, 2014 fost gurisprudenza ohra.

4. Illi f’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-

***“In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta’ lil parti jew ohra li “f’kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta’ firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi …….t-talba ghall-waqfien m’ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser isoffri “pregudizzju mhux proporzjonat.” Inoltre, l-oneru tal-prova ta’ dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ci qui dicit non ci qui negat.”***

5. Illi b’zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi kemm ir-rikorrenti u l-konvenut kienu talbu li jkun hemm ix-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant, din it-talba hija ukoll in sintonija ma’ dak iddikjarat mill-konvenut.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti bir-rispett titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-

1. tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16, kif ukoll,

2. tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex l-istess ordni tigi debitament registrata skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. Illi permezz ta’ rikors intavolat nhar is-28 ta’ Novembru, 2018, ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Art.55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni ghal tali talba maghmula mir-rikorrenti prevja illi dak li sal-lum hu formanti mill-komunjoni tal-akkwisti jibqa’ preservat sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta’ tal-partijiet u dan ai termini tas-sub inciz(7) tal-art.55 li jistipula s-segwenti:-

    ***“Il-qorti tista’ izda, meta fil-fehma taghha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista’ fl-ordni tistabbilixxi….”***

**3.** Illi ghalhekk l-ordni tat-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tirreferi ghall-futur ***“…..u mhux ghal dawk l-assi li diga’ dahlu u***

***qedghin fil-komunjoni…”*** (App.Civ. 139/12 fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg v. Michael Lowell).**

4. Illi kif rilevat mir-rikorrenti t-talba ghat-terminazzjoni tal-akkwisti kienet saret kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-esponenti fir-rikors promotur tal-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed tipprocedi b'din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, riprodott "*supra*" li jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

**"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju ***incumbit ei qui dicit non ei qui negat*** **"[1]**

Ikkunsidrat;

Gialadarba l-intimat mhux qed jopponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ifisser li hu tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalu ebda *pregudizzju spropozjonat.*

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess partijiet, fil-kawza ta' separazzjoni talbu li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux b'mod retroattiv u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**